# 413. Ix-Xalata

Erbgħa huma kienu
mexjin flimkien
sejrin xalata
fil-bgħid, x'imkien!

Iż-Żrinġ, il-Papra, il-Volpi, u l-Iljun.

Daħlu fix-xagħri,
bihom il-ġuħ,
ma kienx hemm x'tiekol,
ma kienx hemm ruħ.

U l-imġewħin
kielu 'l xulxin.

Il-Papra belgħet iż-Żrinġ,
il-Volpi bela' l-Papra,
l-Iljun bela' l-Volpi.

Kemm qagħdu sewwa
ġo żaqq xulxin,
u tlieta lura marru rekbin;

Iż-Żrinġ fil-Papra,
il-Papra fil-Volpi,
il-Volpi fl-Iljun.

L-Iljun miskin
kellu jagħmilha
ta' karozzin!